# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Avviż Numru: 15/2014 SG**

**Anthony Mercieca**

**vs**

**James Cardona**

**Illum it-Tlieta, 12 ta' Jannar 2021**

Il-Qorti,

Rat l-avviż li permezz tiegħu ġiet mitluba tikkundanna lil konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' €3687.55ċ bilanċ dovut lilu għal xogħol ta' kostruzzjoni magħmul fuq inkarigu tiegħu fil-proprjeta' tiegħu fi Triq Frangisk u Roża Camilleri, Kerċem, Għawdex. Bl-imgħaxijiet dovuti skont il-liġi u bl-ispejjeż kolha inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ta' Ġunju 2014 spedita ai terminu tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors.

Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eċċepixxa li:

i. Il-bilanċ dovut lill-attur huwa ta' €800 u mhux l-ammont reklamat u dan kif ser jiġi ppruvat dettaljament waqt it-trattazzjoni tal-kawża liema ammont ġie avvanzat mill-konvenut lill-attur tramite l-avukat tiegħu permezz ta' ċekk datat 25 ta' Ġunju 2014 liema ċekk baqa' ma ġiex żbankat mill-attur għal raġunijiet magħrufa lilu biss;

ii. Illi l-ammont reklamat mill-attur huwa wieħed eċċessiv stante li l-attur kien ġia' ħareġ kont preċedenti fl-ammont ta' €9221.38ċ li minnhom l-ammont ta' €9000 ġia ġie saldat mill-konvenut kif sejjer jiġi spjegat dettaljament waqt is-smiegħ tal-kawża;

iii. Illi għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda in toto bl-ispejjeż kontra tiegħu;

iv. Salv eċċezzjonijiet oħra ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi Prodotti**

L-**attur** xehed fejn spjega li huwa jagħmel xogħol ta' bennej u ta' kostruzzjoni. Fl-2013 huwa ġie avviċinat minn James Cardona u missieru sabiex isir xogħol ġo post antik proprjeta' ta' James Cardona fi Triq Frangisk u Roża Camlleri, Kerċem. Spjega li huwa kien infurmahom li jieħu €70 kuljum u l-ħaddiema kienu jieħdu €68 kuljum. Cardona aċċetta bil-kundizzjoni li ma jdumx ma jinbeda x-xogħol. Huwa beda xogħol fuq dan il-post fit-2 ta' April 2013. Spjega li missier James Cardona kien ikun ta' spiss fuq il-post fejn kien qed isir ix-xogħol. Missier James Cardona kien ukoll jagħtih xi pagamenti akkont tal-ħlas. Spjega li dan kien iġib miegħu żewġ karti lesti miktubin u kienu jiffirmawhom. Il-pagamenti kienu dejjem ta' €1000 u ġew mgħoddija lilu ħames pagamenti. Spjega li l-maġġor parti tax-xogħol tlesta sas-26 ta' April 2013. Wara s-26 ta' April kien mar jaħdem tlett ijiem oħra u ċioe' fl-20 ta' Mejju 2013, fis-27 ta' Settembru 2013 u fit-28 ta' Settembru 2013. Imbagħad kien sar pagament minn James Cardona fil-15 t' Ottubru 2013. Huwa kien ħallas €2000 iżda kellu idejh biż-żejt u ma setax jiffirmalu. X'ħin mar id-dar innota li kien hemm €10 nieqsa iżda Cardona kien tahielu meta ngħibiditlu l-attenzjoni.

Kompla jgħid li f'okkazzjoni oħra, James Cardona ġie ħallsu €1000 u huwa ffirmalu fuq l-irċevuta bħas-soltu. Spjega li l-karti kienu dejjem jkunu lesti minn Cardona. Spjega li huwa ma jafx jaqra u jikteb u huwa kien jafdah għaliex ma kellux problemi sa dakinhar ma' Cardona. Spjega li oħtu kienet marret b' żewġ kontijiet oħra għal xogħol li kien għadu ma tħallasx tiegħu. Aktar tard, kien mar ifittxu James Cardona u sostna li huwa kien tah €1000 oħra. Sostna li Cardona urih karta ffirmata minnu fis-27 ta' Ottubru

2013. Spjega li huwa ċaħad li dan il-pagament kien sar u Cardona kien beda jgerger li huwa kien ħadlu għoli. Fit-2 ta' Ġunju 2014, Cardona reġa' beda jgħid li kien ħallas €1000 oħra u li huwa kien żammmlu b' rati għoljin. Sostna li Cardona qal li kien issellef flus mingħand tal-mija u li kien ser jiċċekkja eżatt kemm. Spjega li Cardona kien talbu kemm-il darba biex inaqqaslu l-kont. Spjega li huwa kien bagħat ċekk ta' €800 li ma ġiex aċċettat minnu. Eżebixxa rendikont li ppreparat oħtu peress li huwa ma jafx jaqra jew jikteb.

In kontroeżami, huwa reġa' kkonferma r-rati li semma fl-affidavit tiegħu. Ikkonferma li James Cardona kien iħallsu fi flus kontanti. Spjega li kien jingħata karta li kien jiffirma fuqha. Spjega li huwa ma jafx jikteb u għalhekk il-kelma paid ma tantx iħobb jagħmilha. Meta ħallsu €2000, huwa ma kienx kiteb għax kellu idejh biż-żejt. Spjega li Cardona kien kiteb paid fuqha quddiemu. Meta ġie muri DOK JC 2, huwa sostna li l-firma li hemm tixbah ħafna lil tiegħu. Spjega li jista' jkun li kiteb paid hu stess. Ikkonferma li meta kellu idejh biż-żejt u Cardona għaddielu l-pagament ta' €2000, kien tah karta iżda ma ffirmahiex.

**Miriam (Maria) Bonnici** xehdet li ħuha l-attur huwa bennej u hi teħodlu ħsieb il-karti tax-xogħol. Spjegat li ommu wkoll tiktiblu l-ħinijiet tax-xogħol u fejn ikun ħadem. Hija mbagħad tiġi mgħoddija dawn id-dettalji u tkun tista' taħdem il-kontijiet. Spjegat li fir-rigward ta' James Cardona, ħuha għaddielha d-dokumenti wara li tlesta x-xogħol. Spjegat li meta lestiet il-kont, hija bagħtet sms lil James Cardona li l-kont lest iżda dan ma weġibx. Spjegat li wara li ppruvat tikkomunika ma' James Cardona, u wara li kien għadda iktar żmien, ħalliet il-kont għand id-dar tal-ġenituri tiegħu fil-31 ta' Mejju 2014.

Spjegat li dakinhar stess, James Cardona kien mar u qalilha li kien ħallas €9,000 u mhux €8,000. Spjega li dan kien ġab karta li tindika dan iżda din kienet iffirmat minnu biss u kienet datata 27 ta' Ottubru 2013. Spjegat li mill-karti li kellha, irriżulta li Cardona kien ħallas €8000. Spjegat li l-pagamenti kollha saru minn missier Cardona ħlief għal pagamenti tal-15 t' Ottubru 2013 u fit-30 ta' Diċembru 2013. Spjegat li darba minnhom Cardona mar id-dar ta' ommha u baqa' jinsisti li kien ħallas €1000 oħra. Spjegat li hija spjegatlu l-postijiet fejn kien mar iħallas lil ħuha u huwa kien qal li ser jerġa' jiċċekkja għaliex kien ser jiċċekkja ma' xi ħadd tal-mija li kien issellef xi flus mingħandu. Spjegat li kienet fakkritu li mal-pagament ta' €2000 kien hemm €10 nieqsa u huwa kien ħallasha.

In kontroeżami, din spjegat li l-flus kienu jgħaddu għandha malli jsir il-pagament. Kien jirċevihom ħuha. L-unika darba li Cardona għaddielha xi pagament direttament lilha kien meta taha €10 li kienet nieqsa. Spjegat li kienet tikteb f'rendikont meta kienu jgħaddulha pagamenti. Irċevuti tal-VAT kienu għadhom ma nħarġux għax dawk jinħarġu fl-aħħar. Spjega li kull darba li Cardona għadda xi pagament kien jieħu żewġ karti b' dana li waħda jżommha ħuha w oħra jżommha Cardona. Dejjem sar ħlas

akkont. Spjegat li ħuha kien jiffirma. Spjegat li meta missier James Cardona kien jiġi bil-karta, ħuha kien jiffirma fuq il-karta. Spjegat li missier Cardona kien ta lil ħuha ħames pagamenti mentri Cardona żewġ pagamenti. Spjegat li darba minnhom ħuha kellu idejh biż-żejt u ma ffirmax riċevuta.

Spjegat li Cardona kien uriha karta oħra li kienet iffirmata minnu u li fuqha kien hemm miktub paid. Spjegat li ħuha jiffirma biss jaf u qatt ma kiteb paid. Ikkonfermat li kien James Cardona li semmielha li kien issellef xi flus mingħand tal-mija. Spjegat li hija ma tkunx involuta fil-ftehim li jkun għamel ħuha mal-klijenti tiegħu. Spjegat li dwar l-aħħar xogħol li sar, il-kontijiet inħarġu bil-VAT għaliex kien inqala d-diżgwid. Ikkonfermat li l-kont finali kien bil-VAT. Sostniet li Cardona kien jaf li kellu jħallas il-VAT. Spjegat li kien hemm kont li fih ma kinitx inkludiet il-VAT.

In rieżami, hija spjegat li fil-kont finali ġiet inkluża l-VAT. Ikkonfermat li James Cardona kien għadda lil ħuha €1990 waqt li kien qed jagħmel xi xogħol f' farmhouse f' Wied Sara u €1000 waqt li kien qed jagħmel xi xogħol fuq ta' Gedrin. Spjegat li l-ftehim kien ta' ħlas ta' €70 il-ġurnata u tal-ħaddiem €68. Dawn kienu rati bla VAT u għalhekk kellu jiżdied il-VAT.

In kontroeżami, hija spjegat li kienet ħarġet il-kont iżda mbagħad kien għad baqa' xi ċekċik ta' xogħol u fil-kont finali ġiet ukoll miżjuda l-VAT.

**Jonathan Grech** xehed li huwa kien għamel xi xogħol ta' bajjad lil James Cardona u max-xogħol, Cardona kien iħallsu akkont. Spjega li missieru kien jiġi u jħallsu filwaqt li jġib miegħu żewġ irċevuti, waħda li kien iżomm hu u l-oħra li kien iżomm missier Cardona. Spjega li Cardona kien fadallu jagħtih xi €900 u għal tlett snin sħaħ ma fittxux. Spjega li huwa ltaqa' miegħu riċentament u kisru quddiem in-nies. Spjega li mbagħad kien qallu li ser jagħtihomlu u fil-fatt tah €800, ċioe' €100 inqas. Spjega li darba waqt li kien qed jaħdem fil-post ta' Cardona, missier Cardona kien qallu li lil Toni Mercieca ma kinux ser iħallsuh tat-tarag għaliex minkejja li Mercieca kien jitħallas bil-ġurnata, tat-tarag tah kont bl-imqieta. Spjega li huwa kien qallu biex jipprova jirranġa ma' Mercieca.

**Il-konvenut** spjega li huwa xtara l-post li fih saru x-xogħolijiet in kwistjoni b' subbasta. Spjega li l-attur mar darbtejn fuq il-post tax-xogħol fejn kienu tkellmu dwar il-prezz. Spjega li fuq il-prezz, kienu tkellmu fuq €202.00 għal kull ġurnata li kienu jkopru ġurnata tax-xogħol ta' l-attur u żewġ ħaddiema. Dan il-prezz kien jinkludi wkoll il-VAT. Spjega li x-xogħol ma sarx kollu f'salt u ħa medda ta' xhur. Spjega li huwa kien beda jħallas lill-attur bejn kont. Il-ħlasijiet kienu jsiru minn missieru iżda l-aħħar żewġ pagamenti kien mar iħallas hu stess. Kienet ommu li tipprepara l-irċevuti, li kienu jkunu tnejn sabiex waħda jżommha missieru u waħda jżommha l-attur. Ħlief għall-aħħar żewġ pagamenti, il-ħlasijiet kollha saru fil-post tiegħu stess. Il-pagament li għamel hu stess ta' €2000 sar

fi Triq l-Imgħallem għand ta' Dovik. Il-pagament kien sar fi flus kontanti u kien tah erba karti ta' €500. Spjega li mbagħad kien ħallsu €1000 f' Wied Sara meta l-attur kien qed jirranġa crane. Dakinhar iżda kien ħallsu €990 u żmien wara kien ħallas €10 li kien hemm nieqsa.

Spjega li l-attur qatt ma kien tah kont tax-xogħol li kien qed jagħmel. Oħt l-attur kienet tagħtu kont datat 16 ta' Settembru 2013 u l-kont kien ta' €9,221.38ċ. Spjega li fil-kont kien hemm imniżżel li huwa kien ħallas €5000 akkont. Spjega li l-attur kien varja l-kont għax minflok €202, il-kont kien ta' €206. Spjega li oħt l-attur kienet ċemplitlu li kellha irċevuta li mhix iffirmata u li kien baqa' jħallas xi elf ewro. Spjega li huwa qalilha li kien ħallas €9000. Spjega li meta l-attur bagħtlu bl-avukat, l-attur sostna li kien sar ħlas biss ta' €8000 u kien żidlu l-VAT. Insista li mhuwiex ġust li qed jintalab €1000 oħra. Mhuwiex ġust li l-attur żied l-VAT fuq ix-xogħol kollu meta l-ftehim ma kienx hekk iżda kien jinkludi kollox anke l-VAT.

In kontroeżami, huwa spjega li kien ċempel lill-attur u li dan kien ġie fuq il-post u wara li kien talbu biex il-ftehim isir bil-miktub, l-attur kien qallu li ma jafx jikteb. Dakinhar, kienu preżenti hu, ommu u missieru. Spjega li kien iltaqa' ma' l-attur waħdu fuq il-post ukoll u dakinhar iddiskutew x-xogħol u l-prezz li kellu jkun ta' €202. Minkejja li huwa kien ġieli jmur fuq il-post, il-maġġior parti tal-ħlasijiet saru minn missieru. Ikkonferma li kien hemm okkazzjonijiet meta kien hemm xi flus nieqsa, li mbagħad tħallsu lill-attur. Sostna li skont hu, hu ma baqalu jħallas xejn lill-attur. Mistoqsi għalfejn huwa ma nsistiex biex fuq dik l-irċevuta ta' €1000, ikun hemm il-firma ta' l-attur, huwa qal li kien hemm miktub paid.

Ikkonferma li fuq kull irċevuta hemm il-firma ta' l-attur ħlief għal waħda li hija datata 27 t' Ottubru 2013 u li fuqha hemm miktub paid. Sostna li l-firma li hemm fuq dik l-irċevuta hija ta' ommu li kienet tikteb l-irċevuti.

In rieżami, huwa sostna li meta wieħed iqabbel il-kont a fol. 46 mal-kont a fol. 25 jirriżulta li ġiet miżjuda l-VAT. Sostna li l-VAT kienet inkluża mal-prezz. Mistoqsi jekk kinitx issemmiet il-VAT, huwa sostna li jekk tmur tixtri xi ħaġa, din tkun inkluża.

**Emanuel Cardona** xehed li x-xogħol fil-post ta' ibnu kellu jsir bil-ġurnata mill-attur u żewġ ħaddiema. Spjega li huwa kien imur fuq il-post tax-xogħol u kien ħallas €1000 lil bennej wara li martu ppreparatlu l-irċevuta f' żewġ kopji. Spjega li kull darba kien jgħaddilu pagament ta' €1000. Spjega li l-irċevuti kienu jiġu ffirmati dak il-ħin mill-attur fuq xi ġebla jew fuq il-magni li jkun hemm fil-post. Spjega li darba minnhom, huwa kien mar ħallsu €1000 fuq sit ħdejn Manresa. Spjega li l-attur kien qallu li kien hemm €900 u mhux €1000 u għalhekk kien ingassa l-€1000 u kiteb €900. Spjega li huwa kien mar id-dar u kien irritorna lura fejn l-attur flimkien ma' martu li baqgħet tinsisti li kien

hemm €1000 u mhux €900. Madanakollu, martu ħallset €100 u l-attur reġa' rranġa l-irċevuta. Spjega li din kienet l-aħħar darba li ħallsu hu. Spjega li oħt l-attur kienet ġabitilhom l-kont u qaltilhom li kien għad fadal kont x' jitħallas u huma ndunaw li kien hemm €1000 nieqsa.

In kontroeżami, huwa kkonferma li kien imur jagħti l-flus lill-attur. Spjega li huwa kien imur fuq il-post tax-xogħol. Spjega li huwa ma jafx il-ftehim dwar il-ħlas x' kien. Sostna li l-attur kien għamel xi xogħolijiet fil-ħnejjiet. Ikkonferma li kien sar xi xogħol ieħor fil-bjut. Spjega li l-attur kien jiffirma fuq waħda mill-irċevuti u huwa ma jiftakarx jekk kienx jiffirma fuq l-irċevuta. Spjega li l-elf Ewro li ma hemmx qbil li sar, kien tħallas minnu.

**Rose Cardona** xehdet li hija kienet iltaqgħet ma' l-attur flimkien ma' żewġha u binha fuq il-post in kwisjtoni. Spjegat li kienu jsiru ħlasijiet ta' €1000 akkont. Spjegat li l-ftehim tal-ħlas kien ta' €202 kuljum. Ikkonfermat li hija kienet tagħmel l-irċevuta u meta kien jitħallas, l-attur kien iħallas lil ħaddiema dak il-hin. Spjegat li żewġha kien iġib lura rċevuta waħda. Spjegat li darba kien hemm problema għax żewġha mar bil-ħlas ġo post qrib Manresa u l-attur qal li kien hemm €900 u mhux €1000. Sostniet li kienet ħallset €100 biex ma jinqalax inkwiet. Spjegat li l-aħħar żewġ pagamenti saru minn binha fl-ammonti ta' €2000 u €1000.

Spjegat li darba ġiet oħt l-attur wara l-bieb u x'ħin rat il-kont li ngħatat, rat li kien hemm li l-attur irid jitħallas €1000 u li kien żdied il-VAT.

**Ikkunsidrat**

**Rapport tal-perit tekniku**

Il-perit tekniku li ġiet inkarigata minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta kkonkludiet li wara l-analiżi u l-eżaminazzjoni li wettqet bir-reqqa, Anthony Mercieca huwa l-awtur tal-firma li tinsab f' Dok JC2; huwa probabbli wkoll li huwa kiteb il-kelma paid fuq l-istess dokument u li fl-opinjoni tal-esperta, il-kelma paid fuq Dok JC3 ma kinitx miktuba minn Anthony Mercieca. Spjeat li dwar l-inka, l-esperta hija tal-opinjoni li l-istess inka li ntużat sabiex Toni Mercieca jiffirma ismu ntużat ukol biex huwa kiteb il-kelma paid kif ħassha hu f' dak il-mument. In eskussjoni, l-istess perit tekniku baqgħet tikkonferma l-konkluzzjonijiet tagħha.

Il-konstatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta' natura teknika li jsiru minn perit maħtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova importanti għall-ġudikant biex ikun jista' jasal għad-deċiżjoni tiegħu. Fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novmebru 2001 fil-kawża "**Calleja vs Mifsud"**, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet li:

"*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostittwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti . Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero' huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti bili l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikorsta' l-apell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setaxjigiepurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B' danakollu dan ma jfissrix illi l-qorti ma kellhiex thares b' lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*"

In linea ta' prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konkluzzjonijiet ta' perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*), fl-istess waqt , dak ma jfissirx li "*qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunjiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami.*"("**<u>Grima vs Mamo et noe</u>**" – Qorti ta' l-Appell – 29 ta' Mejju 1998).

Għalhekk, "*qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzzjoni ta' tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta. Dinil-kovinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.*" (**<u>"Cauchi vs Mercieca"</u>** – Qorti ta' l-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 u **<u>"Saliba vs Farrugia"</u>** – Qorti ta' l-Appell – 28 ta' Jannar 2000).

Din il-Qorti tirrileva wkoll bħala fatt illi wara li l-espert tekniku ħalfet ir-rapport tagħha, saru xi domandi in eskussjoni mill-konvneut iżda mbagħad ma baqax jippersisti fuq it-talba li kien għamel għal ħatra ta' periti perizjuri. F' **<u>"Bugeja et vs Muscat et"</u>** (Qorti ta' l-Appell – 23 ta' Ġunju 1967), intqal li l-"*giudizio dell' arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli.*"

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti ġiet fornuta b' żewġ versjonijiet kontrastanti u għalhekk il-każ jirriduċi ruħu f'wieħed ta' kredibilita' u versomiljanza tal-versjonijiet mogħtija mill-partijiet.

F' każijiet bħal dawn, hi varja l-ġurisprudenza li tista' tiggwida din il-Qorti dwar l-evalwazzjoni tal-provi miġjuba quddiemha. Fost oħrajn, fil-kawża fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fl-24 ta' Marzu 2004 intqal dwar il-materja ta' konflitt ta' versjonijiet ta' provi mogħtija li :

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

1. *Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

2. *Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (**Kollez. Vol L pII p440**)."*

Ta' l-istess portata kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla fit-30 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak:**

*"Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Farrugia vs Farrugia",** deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li "il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lil-lohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghallkonvinciment.*

*Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija*

*trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoi. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawża "***Farrugia vs Farrugia***", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta Vs Francis Difesa** deċiża fit-28 ta' Mejju 2003 mill-Prim' Awla, reġgħet saret referenza għad-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia:**

*"Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji talkredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq ilbilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.";*

Fl-istess sens kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi nomine** deċiża fit-28 ta' April, 2003:

*"Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, ilkriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn listess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza talprobabilitajiet.*

*Dan ghad-differenza ta' dak li japplika filkamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (**Vol. XXXVI P I p 319**)"*

L-istess insenjamenti jsibu s-sostenn tagħhom fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Marzu 2003 fl-ismijeit **Enrico Camilleri vs Martin Borg**:

*"Dan ghaliex, kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna "l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq ilprovi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik iccertezza*

*morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet". ("**Eucaristico Zammit –vs- Eustrachio Petrococchino**", Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; "**Paul Vassallo –vs- Carmelo Pace**", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986).*

*Il-Qorti allura jehtiegilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo" ... Kif rilevat f'sentenza antecedenti fil-kawza fl-ismijiet "**Dottor Herbert Lenicker –vs- Joseph Camilleri**", Prim'Awla, Qorti Civili, 31 ta' Mejju 1972, "f'kawza civili lattur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment ma hux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort tal-attur); dan mhux ghaliex ittort ghall-incident jkun tal-attur, imma sempliciment ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu".*

*Fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "**Gemma Cassar Saetta –vs- Imco Distributors Ltd**", Appell, Sede Inferjuri, 13 ta' Jannar 1999."*

**Evalwazzjoni fil-mertu**

F' din il-kawża, il-Qorti ġiet rinfaċċata b' talba għal ħlas ta' bilanċ li kien għadu allegatament dovut mill-konvenut lill-attur in konnessjoni ma' xogħolijiet li saru f' post fi Triq Frangisk u Roza Camilleri, Kerċem, Għawdex.

L-attur ippreżenta rċevuta datata 16 ta' April 2013 (AM1) li fiha hemm imniżżel li ġie mħallas €1000; rċevuta datata 24 ta' April 2013 li minnha jirriżulta li sar ħlas ta' €1000 oħra (AM2); irċevuta oħra bla data ta' ħlas ta' €1000 oħra (AM3); irċevuta datata 16 ta' Lulju 2013 li minnha jirriżulta li sar ħlas ta' €1000 (AM4); irċevuta oħra tat-8 ta' Lulju 2013 li minnha jirriżulta li sar ħlas ta' €1000 (AM5); rċevuta oħra tat-30 ta' Diċembru 2013 li minnha jirriżulta li sar ħlas ta' €1000 (AM6) u rċevuta oħra ta' €2000 datata 15 ta' Ottubru 2013 (AM7). L-attur ippreżenta rendikont tal-kont bħala AM 8 li fih hemm ikkalkolat li x-xogħol kollu kien ġie jiswa €11,687.55ċ bil-VAT inkluża. Irriżulta li skont l-irċevuti eżebiti, il-konvenut kien ħallas €8000 u għalhekk kien għad fadal isir ħlas mill-konvenut ta' €3687.55ċ li jikkorrispondi ma' l-ammont reklamat f' din il-kawża. L-attur eżebixxa wkoll iż-żewġ kontijiet tat-12 ta' Ottubru 2013 u tal-11 ta' Marzu 2014 bħala AM 9 u AM 10.

Da parti tiegħu, il-konvenut ressaq diversi argumenti biex jikkontesta dak li qed jitlob l-attur. Huwa nsista illi li sar ħlas ieħor lill-attur ta' €1,000 u pprovda rċevuta li ma kinitx iffirmata mill-attur iżda li fuqha kien hemm imniżżel il-kelma "paid" (Dok JC 3). L-attur ikkontesta din l-irċevuta u li qatt kiteb tali kelma. L-espert inkarigata mill-Qorti kkonkludiet li din il-kelma "paid" ma kinitx miktuba mill-attur u dana anke durante l-eskussjoni li saritilha mill-istess konvenut. Din il-Qorti tqis li hija għandha toqgħod fuq il-konkluzzjoni raġġunta mill-abbli espert tagħha. Dana iktar u iktar meta tqis li l-istess konvenut sostna li huwa kien għamel żewġ pagamenti direttament lill-attur u dan huma riflessi fl-irċevuti eżebiti mill-attur ċioe' dawn Dok AM 6 u AM 7. L-irċevuta DOk JC 3 hija ffirmata minn James Cardona u għalhekk jekk din tiġi aċċettata bħala waħda valida, dan ifisser li James Cardona kien għamel 3 pagamenti direttament lill-attur u mhux tnejn, kif ammetta l-konvenut innifsu. X'ħin irrealizza li b' dan kollu, kien ser jikkontradixxi ruħhu, il-konvenut sostna li l-firma fuq DOk JC 3 mhijiex tiegħu iżda jista' jkun li kienet ta' ommu li kienet tikteb l-irċevuta hi stess. Dan kollu jkompli jikkonferma kemm il-konkluzzjoni raġġunta mill-espert tal-Qorti hija waħda konklużżiva u ċioe' li l-kelma "paid" ma ġietx miktuba mill-attur.

Per konsegwenza, ġialadarba din il-Qorti sejra tagħmel tagħha l-konkluzzjoni raġġunta mill-espert tagħha, hija mhijiex ser tqis bħala valida din l-istess irċevuta li ġiet ikkontestata mill-attur bl-ikbar qawwa.

Il-konvenut jargumenta wkoll li huwa ma għandhux iħallas it-taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT). Skont hu, il-ftehim dwar ħlas kien ta' €202 għal kull ġurnata tax-xogħol u li dan il-prezz kien jinkludi l-VAT. Jenfasiżża li nħareġ kont li fih ma kienx inkluż il-VAT u ċioe' dak datat 16 ta' Settembru 2013 (Dok JC 1 a fol 46), iżda mbagħad inħareġ kont ieħor li kellu l-VAT miżjud (ċioe AM 8) u dana meta ttieħdu proċeduri legali kontra l-konvenut. Meta din il-Qorti fliet dan il-kont li ma kienx jinkludi l-VAT (Dok JC 1), irriżultalha li dan kien kont proviżżorju peress li ma kienx hemm indikat fih ix-xogħol kollu magħmul mill-attur. In fatti, kien għad jonqos li jiġi miżjud ix-xogħol li jirriżulta minn Dok AM 9 u AM 10. Dawn ix-xogħolijiet kienu saru wara li kien inħareġ il-kont tas-16 ta' Settembru 2013 peress li f' Dok AM 9 hemm im niżżel li x-xogħol kien sar fis-27 ta' Settembru 2013 u fit-28 ta' Settembru 2013 mentri f' Dok AM 10 kien hemm imniżżel li x-xogħol kien ta' l-aħħar waqt li l-kont kien datat 11 ta' Marzu 2014. L-ammont pretiż f' dan il-kont kien imniżżel bħala Sub-total u lanqas bħala Total. Dan kollu jindika li l-kont ma kienx dak finali.

Il-konvenut sostna li huwa qatt ma ngħata l-ebda riċevuta fiskali tal-ammont li kien tħallas filwaqt li oħt l-attur sostniet li din kienet tinħareġ fl-aħħar meta jsiru l-pagamenti kollha. Din il-Qorti tqis li l-irċevuta fiskali għandha tinħareġ ma' kull pagament li jsir iżda madanakollu, din il-kwistjoni ma taqax fil-parametri tal-mansjoni tagħha f' din il-

kawża. Jidher li DOK JC 1 kien kont proviżżorju li fih kellu jiġi miżjud xi xogħol ieħor u li fih kellu jiġi miżjud il-VAT.

Il-qorti kkunsidrat li fil-verbal tas-26 ta' Novembru 2011 il-partijiet qablu li ċ-ċekk spedit mill-konvenut fil-25 ta' Ġunju 2014 għall-ammont ta' €800 jiġi msarraf mill-attur mingħajr preġudizzju għal kull somma oħra li jippretendi li għandu jieħu kif mitlub f' din il-kawża.

Ġialadarba fil-mori ta' din il-kawża, irriżulta li l-attur kellu jsarraf iċ-ċekk ta' €800 hekk kif jirriżulta mill-verbal tas-26 ta' Novembru 2014, is-somma ta' €800 għandha titnaqqas mill-ammont mitlub f' dan l-avviż.

Dwar l-imgħax li għandu jiddekorri, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Prim' Awla mogħtija fit-28 ta` Jannar 2016 Kawża Nru. Rik. Ġur. Nru. 108/12 JZM **Safe Trading Company Ltd vs France Bonavia:**

> "*Dwar il-kwistjoni tal-imghax, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Frar 2001 fil-kawza "**Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs James Gollcher nomine et"**. Hemm inghad illi l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza fil-kaz li l-ammont likwidat mill-Qorti jkun ferm anqas mill-ammont mitlub fic-citazzjoni.*
>
> *Inghad hekk :-*
>
> *"L-uniku aggravju tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, li din il-Qorti ssib gustifikat huwa dak fir-rigward tal-interessi. Is-socjeta` tissottometti illi una volta l-ammonti likwidati mill-ewwel Qorti kienu ferm anqas minn dawn mitluba, kwalunkwe interessi kellhom jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata u mhux min-notifika tal-att tac-citazzjoni. Dana a bazi ta` diversi sentenzi fosthom **"Noel Ellul vs James Gollcher"** tas-27 ta` Novembru 1996 (KM 1273/72).*
>
> *Din il-Qorti taqbel ma` dan l-aggravju anki ghaliex hi tal-fehma illi una volta jkun stabbilit illi d-dokumenti portwali kienu attendibbili u l-kaz tas-socjeta` attrici kien jiddependi fuqhom, hi kienet, sa minn qabel ma pprezentat l-att tac-citazzjoni, f'pozizzjoni li tiddetermina x`kien l-ammont ta` danni li setghet tirriklama a bazi ta` dawn id-dokumenti.*
>
> *Una volta l-ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment, ukoll kondiviz minn dina l-Qorti, li ma jidhriliex li kellha tiddisturba l-apprezzament taghha, illi ma kellhiex tikkunsidra danni ohra mhux inkluzi f'dawn id-dokumenti portwali, tohrog wehidha l-konkluzjoni illi l-ammont kanonnizzat fis-sentenza appellata u kif likwidat f'dawn il-proceduri hu*

*ferm `il boghod minn dak mitlub fit-talba attrici. Dana apparti l-konsiderazzjoni li din il-Qorti ghamlet fir-rigward tas-survey fees li wkoll notevolment ivarjaw f`somma pretiza mis-socjeta` attrici u li accentwaw l-element tal-likwidazzjoni fil-prezenti procedura.*

*Kien xieraq ghalhekk illi l-imghax jibdew jiddekorru mid-data tal-ewwel sentenza. Naturalment mhux mid-data ta` din is-sentenza billi biha xejn ma kien qed jigi varjat mid-decide tal-mertu fis-sentenza appellata."*

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta` Frar 2003 fil-kawza "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Paul Tabone**" inghad illi meta avviz jikkontjeni talba specifika ghal somma determinata, jibda jiddekorri l-imghax fuq tali somma u l-fatt li l-Qorti tkun irriduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma hekk ridotta.*

*Fl-ispecifiku inghad hekk:*

*"Fuq l-aggravju ta` l-interessi u d-dekorriment taghhom il- Qorti tinnota li fil-korp ta` l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammontreklamat jibda jattratta l-interessi **("O`Connor – vs- Bruno Olivier"** a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima "in illiquidis non fit mora". Kienet ghalhekk ghal kollox korretta l-ewwel Qorti meta pprovdiet li l-imghaxijiet legali jibdew jghaddu minn Lulju 1999."*

*Issir ukoll riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fil-5 ta` Marzu, 2003 fil-kawza **"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe".** Hemm inghad illi l- mghaxijiet fuq dejn civili ghandhom jghaddu minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju. Inghad ukoll illi sabiex jiddekorru limghaxijiet, l-interpellazzjoni trid tkun wahda specifika ghall-hlas ta` ammont ta` flus u mhux semplici ntimazzjoni lid-debitur sabiex iwettaq l-obbligi kontrattwali tieghu.*

*Fl-ispecifiku inghad hekk:-*

*" … kif jinsab stabbilit fl-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili "limghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju". B`aktar precizazzjoni jinsab ritenut illi "per far decorrere gli nteressi deve essere una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" ("**O`Connor –vs- Bruno Olivier"**, Vol XVI pI p84)."*

Din il-Qorti sejra tordna biex l-imgħax jiġi kkalkolat min-notifika ta' l-ittra uffiċjali spedita mill-attur lil konvenut f' Ġunju 2014 u dana bl-ogħla rata permissibbli mil-liġi.

**Decide**

**Għar-raġunijiet fuq esposti, din il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenut u qed tilqa' t-talba ta' l-attur b' dana illi qed tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' tlett elef, sitt mija u sebgħa u tmenin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmi (€3,697.55ċ) li minnhom għandha titnaqqas is-somma ta' tmien mitt Ewro (€800) li tħallset fil-mori ta' din il-kawża kif ukoll ma' l-istess somma għandu jiżdied l-imgħax bl-ogħla rata permissibbli mil-liġi u dana mid-data li fiha ġiet notifikata l-ittra uffiċjali ta' Ġunju 2014 spedita ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta mill-attur.**

**Bl-ispejjeż kollha ta' din il-kawża inklużi ta' ittra uffiċjali ta' Ġunju 2014 spedita ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, għandhom jiġu sopportati mill-konvenut.**

(ft) Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

12.01.2021 – Inf15.2014 – Mercieca Anthony vs Cardona James
5207